**MINUTI**

## Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 37

**30 ta' Marzu 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit - Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Ronald Portelli – Kunsillier**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

## 37.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

37.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal-Kunsillier Ronald Portelli li ma settax jattendi ghal-laqgha.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

37.2.1 Ma kienx hemm.

## 37.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

37.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Eugenio Muscat ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 37.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

37.4.1 Is-Sindku Max Zammit qal li l-entita' tal-*Waterservices* baghtulna ittra bl-avukat biex inhalsu l-pagament pendenti tax-xoghlijiet li kienu ghamlu fi Triq Vjal Sir Temi Zammit wara li konna diga lestejna t-triq bit-*tarmac*.

Huwa fakkar li l-kunsill kien qabel li minhabba li hija entita' tal-gvern ukoll ghandna nitolbu estensjoni taz-zmien biex dan il-pagament jigi mhallas.

Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas dan il-pagament minhabba li ghaddew diversi snin u s-Segretarju Ezekuttiv ta' dak iz-zmein kien weghedhom li se jigi mhallas fi zmien sena.

## 37.5 Tibdil ta' staff mill-iskema CSWEF;

37.5.1 Is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv Yasmine Tonna, infurmatu li s-sewwieq, is-Sur Christian Ellul talab lill-kumpanija tieghu biex jiehul *transfer* ghall-post iehor minhabba li m'ghogbux ix-xoghol u l-kundizjonijiet il-godda tal-Kunsill. Ghaldaqstant hija talbet lill-kumpanija sewwieq iehor u baghtulha tnejn ghall-prova. Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv qaltlu li jidru tnejn tajbin u ssuggerrixxa li nzommuhom it-tnejn biex meta jkunu ma jifilhux jew bil-granet vakanti s-servizz fil-komunita' ta' Ta' Xbiex jibqa ghaddej.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 37.6 Incident ta' karozza fi Triq Abate Rigord;

37.6.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv irciviet emejl minghand is-Sur Shaun Laferla li kellu incident bil-karozza fis-sena 2020, fejn kellu jbiddel it-tyre tal-karozza minhabba hofra li kien hemm fi Triq Abate Rigord. Fl-emejl kien hemm miktub li huwa kien gie l-Kunsill u ghadda r-rapport tal-pulizija flimkien mal-ircevuta u halliehom mal-iskrivan Aris John Fenech, li illum huwa ex impjegat tal-kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dawn id-dokumenti qatt ma waslu ghandha izda hija cemplet lis-Sur Fenech u qallha li jiftakar b'dan il-kaz izda ma jafx fejn huma d-dokumenti. Hija reget talbet lis-Sur Laferla d-dokumenti izda infurmaha li d-dokumenti li kien gab il-kunsill kienu l-originali u ma kellux kopja taghhom. Is-Sur Laferla rega baghat ir-rapport tal-pulizija imma kopja tal-ircevuta m'ghandux.

Il-Kunsill qabel li nhalsuh tal-ispejjes tat-tyre, peress li s-Sur Fenech ikkonferma li kien gab id-dokumenti kollha.

37.6.2 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex ticcekja kemm tigina l-insurance biex innaqsu l-ammont tal-excess biex kazijiet bhal dawn nibdew nifthu claim mal-insurance.

## 37.7 Twegibiet ghal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

37.7.1 Ma kienx hemm.

## 37.8 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

37.8.1 Ma kienx hemm.

## 37.9 Rapporti mill-Kunsilliera;

37.9.1 Ma kienx hemm

## Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir il-Gimgha 29 t'April, 2022 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-tminja ta' filghaxija

Konfermati llum l-Erbgha 30 ta' Marzu, 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |